# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u għoxrin (25) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-1 ta' Lulju, 2014, fis-6.00pm, fil-bini amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati bil-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri u ġew approvati u ffirmati.

**Punti mill-minuti**

3. Dwar il-Fond għat-Titjib Urban, b'riferenza għal l-ammont ta' €350,000 li ħareġ fil-media, Grace Marie Mallia qalet illi l-ammont kien jixhed is-somma globali nazzjonali. Intant il-KLM se jibbenefika biss minn €8,300 fuq il-bandli f'Misraħ il-Fidwa.

4. Is-Sindku semma' x-xogħol li għandu jsir minn Transport Malta, f'dak li għandu x'jaqsam ma' tabelli, u zebra crossing u ż-żebgħa fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Hu qal illi reġa' kkuntattja lill-Perit Edric Micallef ta' TM biex jinsisti ħalli jsiru dawn ix-xogħlijiet.

5. Dwar il-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ, Charlene Zammit qalet illi l-*Youth Worker* se tkun tista' tiltaqa' ma dan il-Kunsill il-ġimgħa d-dieħla.

6. Is-Sindku qal li r-residenti ta' Triq George Martin irtiraw it-talba li jwaħħlu lampa ġdida tat-toroq, fis-sit. Għaldaqstant, kellna nwaqqgħu it-talba. Nicholas Briffa qal li inċidentalment f'din it-triq kien hemm xi resident li qabad lil xi ħadd jarmi l-iskart fi plot u mar iwissi lill-familjari ta' din il-persuna.

7. Wara insistenza li saret mill-uffiċċju tagħna, il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għadu ma approvax l-ismijiet ta' Ġnien Onġi Onġella u ta' Triq il-Friefet, li wkoll qed nitolbu lill-Gvern Ċentrali biex jasfaltaha.

8. Bħala kampanja pubbliċitarja għall-korsijiet li se jkunu organizzat minn TCTC, is-Sindku qal li l-ispejjeż tal-KLM se jkunu biss biex inwaqqfu *bill board* fi Triq Valletta, u *flyer* li se jitqassam mal-fuljett. Hawn is-SE qal li għandna problema minħabba l-*internet connection* fil-librerija peress li l-*connection* eżistenti hija dik tal-MITA, li t-TCTC ma jridx iqabbad magħha.

9. Nicholas Briffa semma' l-każ tal-barriera eżawrita f'tas-Sejba tas-Sur Joe Zahra. Is-Sindku qal illi dan l-impjant għadu magħluq mill-MEPA minħabba li l-*crusher* kien għadu bla permess u li kien qed jopera b'mod li kien ta' nkonvenjent għall-pubbliku minħabba trab eċċessiv.

10. Għall-proposta tal-qlugħ tas-siġar ta' fejn iċ-ċimiterju, għaliex dawn qed idellu l-għalqa ta' bdiewa, Paul Spiteri qal li kien ħareġ permess mill-MEPA, filwaqt li s-Sindku qal illi se jinsisti mal-ELC biex dawn jinqalgħu.

11. Intant, is-Sindku semma' xi xogħlijiet li għandhom isiru fil-ġnien f'Misraħ il-Fidwa, fejn qal li kien hemm ammont eċċessiv ta' ħamrija fil-konok tal-ġnien. Dan se jirriżulta f'ħamrija

imkaxkra mal-ilma tax-xita. Għaldaqstant, se titneħħa dik żejda biex il-post inżommuh nadif u din ma tinħeliex.

12. Is-sindku qal illi l-aħħar ġurnata li fiha se jintlaqa' l-artiklu tal-kunsillieri għall-ħarġa tal-fuljett li jmiss għandha tkun is-16 ta' Lulju.

13. Dwar ix-xogħlijiet urġenti fis-soqfa tal-Isptar il-Qadim, li ma kellniex ċans li noqgħodu noħorġu l-kwotazzjonijiet/offerti minħabba li kienu se jiġġarfu fuq in-nies, Michel Farrugia, l-kunsillier li ingħata l-inkarigu biex jissorvelja x-xogħol, ta aktar dettalji meta dan l-*item* kien diskuss fl-*agenda,* filwaqt li s-Sindku qal li l-kwotazzjoni tal-garigor fis-sotterran, ma kienetx *awarded* għaliex is-soqfa ħadu preċedenza fuq is-sotterran. Hawn intqal illi x-xogħol tlesta u huwa ttamat li t-tieni sezzjoni tal-kors tal-presepji li se ssir għada fl-4.30pm, issir fil-*birthing chamber* u mhux qalb il-*computers* fis-sala l-kbira kif saret l-ewwel sezzjoni, minħabba l-problema li nqalgħet ħabta w'sabta fuq is-soqfa.

14. Dwar l-attivita' li saret fis-sala tal-iskola biex tikkommemora l-għotja ta' fondi f'kotba lill-librerija lokali mir-Reġjun tan-Nofs-in-nhar, is-Sindku qal li din l-attivita' ħadet il-forma ta' *farewell* għall-klassi tal-*year 6*, li għamlu *reading session* fuq l-istorja tal-iskjavitu' u l-KLM amalgamaha mal-preżentazzjoni tar-Reġjun mis-Segretarju Eżekuttiv Liz Vassallo.

15. Minkejja kull tentattiv biex naqbdu bit-telefon ma Ms Nikki Camilleri ta' *Faces Displays* biex naraw għaliex il-*bus shelters* m'għadhomx jinħaslu, se nkomplu nagħmlu aktar tentattivi bit-telefon ġaladarba bl-*e-mails* ma wasalniex.

16. Grace Marie Mallia semmiet il-palma li se jagħtuna bħala donazzjoni u se naraw fejn se nħawwluha fil-jiem li ġejjin.

17. Dwar il-korsijiet miżmuma fil-lokalita' tagħna għall-Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni biex nikkumbattu id-*digital divide*, intqal aktar meta kien eżawrit l-*item* fl-agenda.

18. Dwar il-laqgħa li jixtieq jagħmel magħna is-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo, s-Sindku qal li biddel l-appuntament għaliex dak in-nhar li kien ġej, huwa ma kienx se jkun preżenti minħabba li ser ikun imsiefer. Għaldaqstant qal li se nistennewh nhar is-7 ta' Lulju, 2014.

19. Intant fl-14 Lulju f'nofs-in-nhar għandna appuntament ieħor fil-Palazz tal-ET il-President ta' Malta wara talba li f'dan il-każ konna għamilna aħna bħala KLM.

20. Is-Sindku semma' l-ħsara fi Triq in-Nazzarenu fuq *manhole*. Hu qal li wara li kienet tfaċċat ħofra fonda, il-KLM irrapporta l-każ lit-taqsima tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Is-SE qal li l-ħaddiema qalu li l-*manhole* ġiet *dislodged* minħabba kostruzzjoni difettuża mil-kuntrattur tal-KLM meta kienet asfaltata t-triq. Intant is-SE bagħat talba peremezz ta' *e-mail*, biex din tissewwa mill-kuntrattur Asfaltar Ltd u kkupjaha lill-Perit li ċċertifika x-xogħol.

**Agenda**

21. Grace Marie Mallia qalet li għal Sqallija kien hemm grupp iffurmat minn 34 persuna u t-*tour leader* kien tajjeb. Intant il-ħarġa laħqet l-iskopijiet tagħha għaliex kien hemm l-element ta' Agri turiżmu bl-Imqabbin iduqu l-ġobon u l-inbid tal-post. Grace Marie Mallia faħħret l-*excursion* lejn Ragusa u bagħtet formalment ittra ta' ringrazzjament lit-*tour leader.*

22. Dwar l-andament tal-festa is-Sindku qal li l-gwardjani daru l-kabbani kollha u ma sabu xejn irregolari għajr il-battibekk li kien hemm minħabba li ċċaqilqu l-ewwel ftit kiosks biex jagħmlu l-wisgħa għan-nar tal-art, li din is-sena nħaraq għall-ewwel darba fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija – tant illi s-sidien tal-kiosk numru 1 u 5 iġġieldu. Din is-sena għall-ewwel darba kellna

naqilgħu ukoll gwardjan fil-Knisja biex joqgħod għassa mal-knisja innifisha u dan sar a skapitu ta' gwardjan ieħor li kien allokat fi Triq Ħal Kirkop li issa saret *one-way* matul is-sena kollha u mhux fil-festa biss. Battibekk ieħor inqala' bil-ħruġ ta' umbrella kbira u bar fit-triq man-naħa taz-zuntier. Is-Sindku qal li sid il-bar kien ikkwotat jgħid li rranġa kollox ma Charlene Zammit. Charlene Zammit ċaħdet u qalet li dawn l-allegazzjonijiet huma inveritieri u hija kienet qalet lil dan it-tali li se tiddiskutiha fil-KLM. Is-Sindku qal li qabel il-festa kien iltaqa' ma dan l-individwu u għamililu ċara illi mhux se jittollera *bars* barra fil-pjazza. Hawn Charlene Zammit talbet lis-Sindku sabiex jorganizza laqgħa mal-entitajiet kummerċjali dwar il-permessi fil-pjazza u r-regolamenti tal-iskart ecc, filwaqt li sostniet li l-*bars* huma leġittimi fil-liġi. Il-KLM m'approva l-ebda permess biex jinħarġu *bars* fil-pjazza, filwaqt li s-SE qal li hu ma joħroġx permess għall-bars iżda għal mwejjed u siġġijiet fil-pjazza, u għal kabbani li jistgħu ibiegħu ukoll biss xorb fil-by-pass.

23. Il-KLM approva t-talba biex napplikaw għal skema finanzjarja imnedija mid-dipartiment għall-Gvern Lokali biex nieħdu fondi f'rimbors għall-*Internet Connection* skont memo 17/2014.

24. Dwar l-andament tax-xogħol f'Misraħ il-Fidwa, is-Sindku qal li bdejna l-kurduna tal-bankina u issa twaħħal il-*play equipment* kollu. Infatti se jitwaħħlu wkoll ic-*cctv cameras* ħalli jkun hemm aktar sigurta'. Il-ħaddiema tal-IPSL dawru l-ġnien kollu bil-barikati tal-ħadid biex it-tfal ma jaqsmux għat-triq ħalli nevitaw l-aċċidenti. Is-SE kien mitlub sabiex jagħmel ittra lir-residenti biex il-KLM jirringrazzjahom tal-koperazzjoni taghhom filwaqt li niskużaw ruħna talli qajjimna xi inkonvenjenzi. Hawn saret referenza għall-artiklu li deher fit-*Times of Malta,* intitulat *Serious hazards in playing fields* fejn ġabu ritratt tal-bandli. Is-SE qal li hu personalment jara li l-artiklu kien wieħed pożittiv għaliex jidher li l-KLM ħa passi biex minn ġnien magħluq mill-awtoritajiet għaliex kien insikur u ta' periklu, issa irrendejnih wieħed sigur għat-tfal tagħna.

25. Dwar il-korsijiet tal-Malta Communications Authority, il-kunsillieri kienu nfurmati illi l-Isptar il-Qadim qatt ma ntuża daqshekk fil-passat, għaliex bħal issa hemm tnax il-klassi ta' għaxar parteċipanti 'l waħda kull ġimgħa li qed jitħarrġu fil-*computer* f'kors bażiku. Intant kellna konkorrenza tajba għall-kors tal-*Ikids* u s-Sindku semma' l-laqgħa tad-19 ta' Ġunju, li nżammet għall-ġenituri fil-librerija li mtliet bil-konkorrenza tajba li kellna biex ikunu nfurmati iżjed dwar dan mit-TCTC.

26. Dwar is-soqfa tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku qal li qed ikun hemm Supervizjoni tax-xogħol minn Michel farrugia. Michel Farrugia qal li t-travu tal-kċina ma kellux għalfejn jinbidel ħlief il-kontrabejt li minnu kien dieħel l-ilma. Dan kuntrarju għall-*birthing chamber* li nbidlulha t-travi kollha u salvajna ix-xorok kollha għaliex ma laħqux waqgħu u ingħatat kontrabejt ġdid u saritilha sgoxxjatura mal-ħitan biex l-ilma ma jinżilx 'l isfel.

27. Dwar ħsarat f'*tire* ta' vettura li kienet għaddejja minn Triq il-Parroċċa kif ukoll fuq vettura oħra li ħabtet ma arblu tal-armar tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, il-KLM iddeċieda li ma joħroġx l-ispejjeż. Madankollu tal-ewwel se jkun referut lil sid il-plot li qala' l-bankina mingħajr ma' konna nfurmati fejn Michel Farrugia qal li dan poġġa garanzija ta' €3,900 biex ma jmissx il-faċċata u trid issir *drop down kerb* fuq kull naħa.. Infatti Michel Farrugia qal li din inqalgħet biex jidħol fil-post makkinarju tqil. Fil-każ tal-Pjazza tal-Knisja fejn il-vettura ħabtet mal-armar tal-festa, sidha kien mitlub jirreferi l-każ lis-soċjeta' mużikali li ospitat il-festa.

28. Issemmiet Triq Ħal Farruġ fejn hu maħsub li se ssir *Il-fiera l-kbira* fil-*Montekristo Estates.* Hawn intqal illi aktarx issir it-triq *one way*, minkejja li ma jidhirx li se jkun daqshekk kbir l-impatt tat-traffiku fir-raħal tagħna jekk isir dan. Din se ssir għall-ewwel sena, mil-ġimgħa d-dieħla.

29. Grace Marie Mallia semmiet ħsara fuq bankina f'Teżawru, Triq Valletta. Hija qalet li f'dan is-sit toqgħod mara tqila u għalhekk hija sussessibbli għal xi waqgħa. Is-Sindku qal li se jibgħat xi ħaddiema tal-IPSL jaraw x'hemm bżonn isir.

30. Issemma' d-*drink* li jorganizza l-KLM lis-soċjetajiet. Hawn intqal illi għandna nindagaw jekk is-Soċjeta' Sta Marija hux se tattendi għalih qabel jew wara l-festa.

31. Grace Marie Mallia issuġġeriet ħarġa oħra għal Għawdex f'Settembru. Hawn is-SE qal li ma jaqbilx li din tkun maqsuma bħal ma kienet dik li għaddiet għaliex hu ma jistax jaffordja aktar ħin barra mill-uffiċċju u l-aħħar darba ma xarabank nies kien hemm is-Sindku, is-SE, kunsillier, skrivana u tliet ħaddiema tal-IPSL. Grace Marie Mallia qalet li fil-ħarġiet m'hemmx għalfejn jiġi l-*istaff* kollu ħlief persuna waħda biss li tagħti daqqa t'id kull fejn ikun hemm bżonn, u illi din il-ħarġa għandha tkun xi darba l-Erbgħa u norganizzaw fiha wkoll *wine tasting.*

32. Paul Spiteri qal li għandna noħorġu l-avviż tan-nomini ta' Ġieh l-Imqabba 2014 fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss biex kif tgħaddi l-festa ta' Santa Marija nikkonċentraw iżjed fuq dan l-avveniment importanti u ssir l-għażla mingħajr għaġġla żejda.

33. Is-Sindku ssuġġerixxa l-*Animal lovers' day* li hemm il-ħsieb li tinżamm mill-KLM f'Settembru, 2014.

34. Charlene Zammit semmiet il-bankina fi Triq Valletta li taqta' f'ċertu punt. Hawn intqal li dan hu intenzjonat għaliex il-wisgħa tat-triq ma tippermettihx minkejja li tinsab viċin l-iskola. Is-SE qal li l-wisgħa tat-triq lanqas jippermetti li jkun hemm bankina f'toroq sħaħ bħal Triq il-Karmnu (faċċata tal-Iskola) filwaqt li s-Sindku kompla biex semma' eżempju ieħor fejn mhux possibbli li jkun hemm bankina propju fi Triq id-Duluri.

35. Is-Sindku informa 'l KLM illi nhar is-27 ta' Ġunju, hu kien preżenti għall-*Greenpak awards,* filwaqt li Paul Spiteri nhar il-21 ta' Ġunju, kien preżenti għal-laqgħa tal-kunsillieri li mhumiex Sindku li kienet organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

36. Dwar il-*feedback* fuq il-ftuħ mill-ġdid ta' barriera fi Triq it-Torri Vinċenti, is-SE ta kopja *draft* tar-risposta li se jibgħatu hu u s-Sindku lill-MEPA bħala risposta għall-*Project Description Statement*. Il-kunsillieri qablu ma l-argumentazzjoni miġjuba u r-risposta se tintbgħat sa nhar it-3 ta' Lulju (kellna *deadline* qasira) fejn prinċipalment se nisħqu fuq il-*planning gain* u biex ma jiġux injorati it-*traffic management plan, wheel washing basins* u jiġu kontenut it-trabijiet li jtiru waqt li jinqata' l-ġebel u tintradam il-barriera.

37. Is-Sindku qal li kellu intervista fuq il-programm *Sajf* li se jidher fuq il-*One TV* f'Villa Difesa f'Baħar iċ-Ċagħaq. Hu qal li se jkun hemm *feature* fuq ir-raħal biex jippromwovi l-lokalita' tagħna.

38. Il-laqgħa ntemmet fit-8.45pm u dik li jmiss se ssir nhar id-29 ta' Lulju, 2014.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*29/07/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |